31999D0234

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-17 ta' Marzu 1999
dwar id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 li tikkonċerna is-sistema Brażiljana mhux awtomatika ta' liċenzji ta' importazzjoni u l-operazzjonijiet tagħha

(notifikata taħt id-dokument numru C (1999) 607)

(1999/234/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 li jippreskrivi proċeduri tal-Komunità fil-qasam tal-politika komuni kummerċjali sabiex jiġi żgurat l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità taħt ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) [1], kie emendat bir-Regolament (KE) Nru 356/95 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 14 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

(1) Fit-12 ta' Jannar 1998 il-Kummissjoni rċeviet ilment skond l-Artikolu 4 tar-regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 (hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regolament"). L-ilment kien depożitat minn Febeltex (Fédération Belge du Textile).

(2) Il-kwerelant allega li l-liċenzjar mhux awtomatiku Brażiljan ta' importazzjoni u b'mod partikolari l-infurzar tiegħu permezz tal-imposizzjoni ta' termini obbligatorji ta'ħlas u l-prezzijiet obbligatorji minimi huma inkonsistenti ma' diversi dispożizzjonijiet tal-Ftehim li jistabblixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim WTO") u l-annessi li jinsabu miegħu. Fuq dak il-bażi l-kwerelant talab lill-Kummissjoni biex tieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex tikkonvinċi lill-Brażil biex tirrevoka dawk il-miżuri.

(3) l-ilment fih evidenza prima facie li tiġġustifika li tinbeda l-proċedura ta' eżami tal-Komunità skond l-Artikolu 8 tar-Regolament. B'konsegwenza, dik il-proċedura kienet inbdiet fis-27 ta' Frar 1998 [3].

(4) Wara li nbdiet il-proċedura tal-eżami il-Kummissjoni wettqet investigazzjoni fil-fond legal u fattwali fis-sistema Brażiljana ta'liċenzjar ta' importazzjoni kf applikata għall-prodotti tat-tessuti. Ibbażati fuq is-sejbiet ta' din l-investigazzjoni il-Kummissjoni waslet għall-konklużjonijiet tagħha li huma murija hawn taħt:

B. SEJBIET LI JIRRIGWARDAW L-EŻISTENZA TA' OSTAKOLU GĦALL-KUMMER¬

(5) L-investigazzjoni stabbiliet li s-sistema Brażiljana hija sistema ta' liċenzjar skond it-tifsira tal-Artikolu 3(1) tal-Ftehim WTO dwar proċeduri ta'liċenzjar ta' importazzjoni (ILP) u għandha għalhekk tikkonforma mar-regoli preskritti minn dan il-Ftehim kif ukoll bil-GATT 1994.

(6) Il-leġislazzjoni rilevanti Brażiljana li tikkonċerna s-sistema ta' liċenzjar mhux awtomatiku ta' importazzjoni hija magħmula minn:

— Decreto 660, tal-25 ta' Settembru 1992 (li jistabbilixxi s-Sistema Integrado de Comércio Exterior, Siscomex),

— Portaria Interministerial 291 (Ministeru tat-Teżor/Ministeru tal-Industrija u Kummerċ) tat-12 ta' Diċembru 1996 (li tikkonċerna l-ipproċessar ta' operazzjonijiet ta' importazzjoni permezz tas-Siscomex),

— Portaria Secex 21, tat-12 ta' Diċembru 1996 (li tikkonċerna l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' importazzjoni permezz tas-Siscomex, inkluż il-kontroll tal-prezzijiet) u

— Comunicados Decex li jelenka l-oġġetti suġġetti għall-illiċenzjar mhux awtomatiku ta' importazzjoni, li ġew konsolidati permezz tal-Comunicado Decex 37 tas-17 ta' Diċembru 1997.

Iżda, s-sistema Brażiljana hija flessibbli ħafna: prodotti ġodda jistgħu jiġu miżjuda mal-lista ta' dawk li għalihom hija meħtieġa liċenzja mhux awtomatika ta' importazzjoni b'deċiżjoni sempliċi tal-Ministeru tal-Industrija, Kummerċ u Turiżmu.

---

[1] ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 71.
[2] ĠU L 41, tat-23.2.1995, p. 3.
[3] Avviż ta' bidu ta' proċedura ta' eżami li jikkonċerna ostakolu għall-kummerċ, skond it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94, li tikkonsisti fi prattiċi tal-kummerċ mantnuti mill-Brażil b'relazzjoni ma' kummerċ fi prodotti tat-tessuti (ĠU C 63, 27. 2. 98, p. 2).

(7) Is-sistema Brażiljana ta' linċenzar hija operata permezz ta' strument komputerizzat imsejjaħ Siscomex. L-għoti ta' liċenzji ta' importazzjoni għal importazzjonijiet ta' prodotti tat-tessuti li joriġinaw fil-Komunità huwa marbut direttament ma' sett ta' prezzijiet obbligatorji minimi u termini obbligatorji ta' ħlas. Jekk dan it-tagħrif ta' dikjarazzjoni ta' importazzjoni ma jiunx skond dak deċiż u inkluż mill-awtoritajiet Brażiljani fis-Siscomex, l-applikazzjonijiet għall-liċenzji ta' importazzjoni ma jiġu proċessati u l-importatur jintalab biex jikkuntattja l-aġenzija lokali tad-Dipartiment tal-Kummerċ Barrani tal-Ministeru tal-Industrija, Kummerċ u Turiżmu (Decex).

(8) Il-leġislazzjoni Brażiljana li tintroduċi din is-sistema ma tinkludix xi indikazzjoni tal-miżura li ċed tiġi implimentata permezz tal-proċedura ta'liċenzjar. Is-servizzi tal-Kummissjoni sabu l-eżistenza ta' regoli nterni amministrattivi jew linji gwida li jikkonċernaw it-termini obbligatorji ta' ħlas u l-prezzijiet minimi ta' importazzjoni li jintużaw fl-amministrazzjoni tas-sistema Brażiljana ta' liċenzjar ta' importazzjoni. Dawk ir-regoli ma humiex ippublikati. Bħala konsegwenza, l-gvernijiet u n-negozjanti ma jistgħux isiru jafuhom. B'żieda, ma hemm ebda possibbiltà ta' appell kontra dawk ir-regolamenti mhux uffiċjali.

(9) Fejn is-Siscomex ma tipproċessax applikazzjonijiet ta' liċenzji ta' importazzjoni li ma jikkonformawx mal-ħtiġeit tat-termini tal-ħlas u l-prezzijiet minimi, ma tittieħed ebda deċiżjoni formali dwar l-applikazzjoni tal-importatur. Din tibqa' pendenti indefinittavament.

(10) Is-sistema Brażiljana ma tidhirx li taqdi l-implimentazzjoni ta' xi miżura kompatibbli tal-GATT, bil-funzjoni unika tagħha tkun l-applikazzjoni u l-amministrazzjoni ta' proċeduri ta' importazzjoni bħala għodda ta' politika ta' kummerċ sabiex tirrestringi il-kurrent ta' importazzjonijiet ta' rpodotti tat-tessuti fil-Brażil. L-eżami wera wkoll li din is-sistema tippermetti lill-awtoritajiet Brażiljani li jiddeċiedu b'mod diskrezzjonarju u arbitrarju fuq il-bażi ta' raġunijiet mhux uffiċjali u mhux ippublikati, in-nuqqas ta' għoti ta'liċenzji ta' importazzjoni. Bl-imposizzjoni ta' termini obbligatorji tal-ħlas u prezzijiet minimi bħala kondizzjoni għall-ħruġ tal-liċenzja, il-Brażil sostanzjalment irrestringa l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tat-tessuti li joriġinaw fil-Komunità u skoraġġixxa numru kbir ta' klijenti possibbli għall-produttur tal-Komunità.

(11) Il-Brażil għandu ma nnotifikax parti tal-leġislazzjoni rilevanti (Comunicado Decex 37, tas-17 ta' Diċembru 1997); il-parti li jibqa' ġiet notifikata b'dewmien ta' aktar minn sena, biss wara li nbeda mill-Kummisjoni l-eżami presenti taħt ir-Regolament u f'din in-notifikazzjoni thalliet barra xi informazzjoini essenzali (per eżempju: il-lista ta' prodotti suġġetti għall-proċeduri ta'liċenzjar).

(12) Taħt dan iċ-ċirkostanzi il-Kummissjoni tikkunsidra li l-allegazzjonijiet tal-kwerelant huma msejjesa sew u li l-prattiċi Brażiljani jikkostitwixxu ostakolu għall-kummerċ skond it-tifsira tal-Artikolu 2(1) tar-regolament, billi huma kuntrarji għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

— l-Artikolu X.1 u XI.1 tal-GATT,

— l-Artikolu 1(3), 3(2), 3(5)(f) u 5 tal-Ftehim WTO dwar proċeduri ta' liċenzjar ta' importazzjoni.

(13) Il-Kummissjoni madanakollu tikkunsidra li r-referenza għall-bażijiet legali msemmija hawn fuq ma jeskludux ir-rikors għal xi dispożizzjoni pertineti oħra tal-Ftehim WTO u l-patti ta' Ftehim annessi miegħu, li jistgħu jkunu ta' użu fil-proċeduri quddiem id-WTO.

Ċ. SEJBIET LI JIRRIGWARDAW EFFETTI KUNTRARJI GĦALL-KUMMER

(14) L-investigazzjoni tal-Kummissjoni enfasizzat il-potenzalità enormi tas-suq Brażiljan għall-prodotti kompetittivi ħafna esportati mill-produtturi tal-Komunità. F'dan ir-rigward, is-sejbiet prinċipali dwar l-effetti kuntrarji għall-kummerċ ikkawżati mill-prattiċi kkontestati juru li s-sistema Brażiljana mhux awtomatika ta' liċenzjar ta' importazzjoni tirrappresenta restrizzjoni prinċipali għall-aċċess tas-suq Brażiljan għal diversi prodotti tat-tessuti tal-Komunità.

(15) L-investigazzjoni tkopri prodotti li jinsabu fil-Kapitoli 50 sa 63 tan-Nomenklatura Maqgħuda u żvelat li l-effetti tas-sistema Brażiljana ivarjaw minn settur ta' prodotti għall-ieħor. B'mod ġenerali, minkejja l-potenzal kbir tas-suq Brażiljan, l-esporatzzjonijiet ta' tessuti tal-Komunità lejn il-Brażil ma rreġistraw ebda żieda sinjifikanti bejn l-1996 u l-1997, speċjalment meta mqabbla ma' dawk rapportati ma' swieq simili oħrajn tal-Amerika ta' Isfel.

(16) B'mod partikolari, l-introduzzjoni ta' sistema mhux awtomatika ta' liċenzjar ta' importazzjoni u l-mod li bih qed tiġi implimentata permezz ta' termini obbigaotrji ta'ħlas u l-prezz minimu impost diġà kkawża fl-1997 u, f'xi każi fl-1996) tnaqqis ta' esportazzjonijiet ta' ċerti prodotti tat-tessuti tal-Unjoni Ewropea, għata tal-imtieraħ (Kodiċijiet NM: 5516 23 10; 5210 49 00), strixxi tat-tessuti wżati bħala ċintorini (Kodiċi NM: 5806 32 10), għata tas-sodod (u prodotti relatati) (Kodiċijiet NM: 6302 32 90), materjali sintetiċi nnittjati għall-purtieri (Kodiċi NM: 6002 43 11), materjali tekniċi għal ilbies informali (per eżempju lyocell, elastan) (Kodiċi NM: 5516 13 00) għall-Brażil.

(17) Il-prattiċi Brażiljani kkontestati ikkawżaw telf importanti tal-kompetittività fis-suq Brażiljan għall-esportaturi tal-Komintà ta' ċerti prodotti tat-tessuti. Dak it-telf ta' kompetittività kien partikolarment drastiku f'dawk is-setturi bħal tal-għata tal-imtieraħ, materjal tal-purtieri u strixxi li jintużaw bħala ċintorini, li huma suġġetti għall-prezzijiet minimi ta' importazzjoni.

(18) L-introduzzjoni tal-miżuri kontestati wasslet f'ħafna każijiet għal telf sinjifikanti fin-numru u l-importanza ta' klijenti Brażiljani kif ukoll fin-numru u l-importanza tal-ordnijiet riċevuti jew konfermati.

(19) Il-ħtieġa ta' prezzijiet minimi wasslet ukoll għal tnaqqis sostanzjali fil-firxa ta' prodotti li jistgħu jiġu esportati lejn il-Brażil. Fi kliem ieħor, prodotti li l-prezz tal-esportazzjoni tagħhom huwa baxx iżżejjed, meta mqabbel mal-prezz obbligatorju minimu meħtieġ, ma jistgħux jiġu esportati aktar għaliex ma jkunux aktar kompetittivi f'dak il-prezz għola. Sinjifikament, din il-konsegwenza ta' spiss iseħħ b'relazzjoni ma'prodotti bi prezz baxx, li għalihom hemm kompetizzjoni għola lokalment. Għal din ir-raġuni, l-importatur Brażiljan jagħżel li jixtri prodott Brażiljan, li, kieku ma kinex għall-imposizzjoni ta' prezzijiet obbligatorji minimi, kien ikun aktar għali mill-prodott ekwivalenti tat-tessuti tal-Komunità.

(20) Effett kuntraju ieħor tal-kummerċ ikkawżat fuq produttur/esportaturi ta' prodotti tat-tessuti tal-Komunità huwa l-ħtieġa ta' speċifikazzjoni teknika jew il-komposizzjoni ta' prodott. Din il-bidla hija meħtieġa minħabba l-ħtieġa ta'konformità mal-prezzijiet minimi meħtieġa. Bidla fl-ispeċifikazzjoni teknika tal-prodott f'xi każi hija l-uniku mod li jinkiseb prodott li l-prezz tiegħu iħares dak minimu meħtieġ u li jkun għadu ekonomikament vijabbli. F'dan ir-rigward, is-servizzi tal-Kummissjoni ġew provduti b'eżempji fejn, fil-każ ta' għata tal-imtieraħ, il-perċentwal ta' qoton, rayon, polyester, eċċ. fi prodott għandu jiġi mibdul, per eżempju billi tintuża materja prima ġdida (bħal rayon) jew billi tintuża materja prima ġdida li tirriżulta f'piż differenti għal kull metru kwadru (bħal polypropylene).

(21) L-użu tas-sistema Brażiljana ta' liċenzjar mhux awtomatiku ta' importazzjoni bħala għodda politika kummerċjali biex tikkontrolla l-kurrenti tal-kummerċ irriżultat, f'xi setturi tat-tessuti, fi bdil sħiħ tal-kondizzjonijiet tas-suq li f'xi każi wassal kważi għall-għeluq tas-suq Brażiljan għall-esportaturi tat-tessuti tal-Komunità. Bħala eżempju, il-prezz minimu ta' importazzjoni ta' Dollari Amerikani 20/kg impost mill-awtoritajiet Brażiljani fuq ta' għata rrakkmat tal-imtieraħ taħt il-kodiċi NM 5516 23 10 huwa aktar mid-doppju tal-prezz normal tal-bejgħ ta' dan il-prodott (jiġifieri Dollari Amerikani 8 sa 11/kg). Dik iż-żieda fil-prezz ikkawżat telf importanti ta' komptetittività fis-suq Brażiljan għall-esportaturi tal-Komunità ta' dan il-prodott tat-tessuti tad-dar

(22) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-effetti msemmija hawn fuq jikkostitwixxu effetti kuntraji għall-kummerċ skond it-tifsira tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament.

D. **INTERESS TAL-KOMUNITÀ**

(23) Fl-aħħar sentejn, il-produtturi u l-esportaturi Ewropej iddepożitaw tlett każijiet kontra prattiċi Brażiljani li għandhom effetti restrittivi fuq esportazzjonijiet tal-Komunità ta' prodotti differenti (pjanċi tal-azzar, tessuti u sorbitol). Dawn il-miżuri huma diretti lejn setturi speċifiċi sensittivi, b'mod mhux trasparenti, u permezz ta' proċess ta' deċiżjonijiet flessibbli ħafna. Għal din ir-raġuni huwa ta' importanza prinċipali li l-Komunità tittratta b'mod komprensiv is-sistema Brażiljana.

(24) B'żieda, l-assigurazzjoni li l-imsieħba WTO jikkonformaw għall-kollox mal-obbligi tagħhom hija ta' importanza enormi għall-Komunità, li kkomettiet lilha nnifisha għall-istess obbligi. Huwa importanti għall-iffunzjonar tajjeb ta' sistema ta' kummerċ multilaterali li konsistentement titratta l-prattiċi allegatament inkompatibbli mat-WTO.

(25) Fir-rigward tal-każ Febeltex, minħabba l-importanza tal-industrija tat-tessuti għall-Komunità kollha kemm hi u l-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess ġust għas-swieq ta' pajjiżi terzi għall-prodotti tat-tessuti tal-Komunità, il-Komunità għandha minnufih tikkontesta is-sistema Brażiljana mhux awtomatika ta' liċenzjar, skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim dwar il-proċeduri ta'liċenzjar ta' importazzjoni, GATT 1994 u l-Ftehim WTO dwar ir-Riżoluzzjoni ta' Disputi.

E. **KONKLUŻJONIJIET U MIŻURI LI GĦANDHOM JITTIEĦDU**

(26) Saru laqgħat u ġew skambjati ittri mal-awtoritajiet rilevanti Brażiljani biex il-kwistjoni tiġi diskussa aktar biex titlaħaq soluzzjoni amikevoli, iżda l-awtoritajiet Brażiljani ma baghtux xi proposta bil-ħsieb ta' dik is-soluzzjoni.

(27) F'dan iċ-ċirkostanzi jidher li l-interessi tal-Komunità jitololbu li jinbdew proċedimenti WTO ta' riżoluzzjoni ta' disputa,

IDDEĊIDIET:

Artikolu 1

1. Is-sistema Brażiljana ta' liċenzjar mhux awtomatiku, il-prezzijiet obbligatorji minimi u t-termini obbligatorji ta' ħlas jidhru li huma inkonsistenti mal-obbligi ta' dak il-pajjiż taħt il-Ftehim Marrakech li jistabblixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u tikkostitwixxi "ostakolu għall-kummerċ" skond it-tifsira tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 3286/94.

2. Il-Komunità għandha tibda azzjoni kontra l-Brażilmtaħt il-Ftehim dwar ir-regoli u l-proċeduri għar-riżoluzzjoni ta' disputi u dispożizzjonijiet WTO oħrajn rilevanti bil-ħsieb li jiżguraw it-tneħħija tal-ostakolu għall-kummerċ.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mid-data tal-pubblikazzjoini tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussell, fis-17 ta' Marzu 1999.

Għall-Kummissjoni

Leon BRITTAN

Viċi-President